# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni numru 1614/94 GC**

**John Mary Cardona**

**vs**

**Ronnie Bartolo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa jiggestixxi Bar and Restaurant maghruf bhala "Harlequin Rock Club" f'numru 109, St. George's Road, St. Julians;

Illi l-istess attur ilu fil-pussess esklussiv ta' dan il-fond kummercjali mil-1 ta' Awissu, 1992 taht ftehim li jaghlaq fil-1998;

Illi nhar il-Gimgha l-ewwel (1) ta' Dicembru, 1994, ghall-habta tad-disa' ta' filghodu il-konvenut abbuzivament, u bi vjolenza, hareg lill-attur mill-imsemmi fond u ghamel katnazz u qieghed izomm lill-attur milli jidhol fil-proprjeta posseduta minnu;

Illi dan l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur;

Illi l-attur ta' xejn talab l-ghajnuna tal-Pulizija;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tiddikkjara li l-agir tieghu jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur nomine fit-termini tal-artikoli 534 et seq. tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. tikkundannah biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jispurga l-ispoll minnu kommess ghad-dannu tal-attur; u

3. jerga' jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-fond "Harlequin Rock Club", f'numru 109, St. George's Road, St. Julians, u

4. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur biex jidhol fl-istess post occorrendo anke billi jizgassa;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Tonio Micallef Trigona bhala mandatarju tal-kovenut Ronnie Bartolo li huwa assenti min dawn il-Gzejjer fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra tieghu billi l-attur qieghed fil-pussess tal-fond;

2. Illi subordinatament l-konvenut Bartolo ma ikkommetta ebda spoll stante li kien l-attur stess illi nhar il-Gimgha 2 ta' Dicembru, 1994 volontarjament abbanduna l-fond li sussegwentment u precizament fis-7 ta' Dicembru, 1994 rega hataf billi sgassa;

3. Illi l-attur ghamel dan nonostante li l-konvenut ottjena sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc (Citazz 346/94JF) fit-22 ta' Settembru, 1994 permezz ta liema l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut ghall-zgumbrament tal-attur u l-Qorti ipprefiggiet zmien perentorju ta' xahrejn ghal-dan il-fini;

4. Illi l-attur qieghed wkoll jikser ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti filwaqt li l-attur hu impedut li jaccedi fil-fond de quo b'mandat ta' inibizzjoni numru 4307/94 li gie milqugh fis-7 ta' Dicembru, 1994;

5. Illi l-eccipjenti kompla l-proceduri gudizzjarji kontra l-attur permezz ta' mandat ta' zgumbrament;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Tonio Micallef Trigona fil-kapacita tieghu fuq premessa debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 1998;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur ippremetta li huwa ghandu l-pussess esklussiv tal-fond 109, St. George's Road, St. Julians, liema fond huwa jgestixxi bhala bar u restaurant taht l-isem "Harlequin Rock Club". L-attur jallega li, fl-1 ta' Dicembru, 1994, il-konvenut, li hu l-proprjetarju tal-istess fond, abbuzivament, u bi vjolenza, hareg lill-attur mill-imsemmi fond, ghamel katnazz u impedih milli jidhol fl-istess fond. L-attur jippretendi li dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tieghu u konsegwentement qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jirreintegrah fil-pussess tal-istess fond;

Da parti tieghu l-konvenut eccepixxa li l-attur in effett qieghed fil-pussess tal-fond in kwestjoni. L-attur, meta xehed f'dawn il-proceduri, sostnazjalment ikkonferma li l-fond in kwestjoni kien in effett fil-pussess tieghu. Difatti l-attur ikkonferma li kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut ippresenta ruhu fil-fond in kwestjoni ma terzi u l-istess konvenut ordna lill-attur biex jizgombra mill-hanut in kwestjoni. L-attur qal li peress li kien qed jibza huwa accetta li johrog. Inoltre pero' l-attur ikkonferma li wara ftit zmien huwa rega dahal fil-fond u ghalhekk rega ha l-pussess tal-fond. L-attur stess ghalhekk ikkonferma li l-fond in kwestjoni rega gie fil-pussess tieghu. B'hekk mhux il-kaz li jigu esaminati ulterjorment it-talbiet attrici, liema talbiet ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kontra l-attur.